MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 1479/2004

**Montaldo Insurance Agency Limited bhala agenti u in rappresentanza tas-socjeta' estera American Home Assurance Company kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Joseph Borda u l-istess Joseph Borda**

**Vs**

**Carmel Bonavia**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu l-hlas ta' elf mija u hames liri Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm1,105.23c) rapprezentanti danni f'incident awtomobilistiku ghal liema ncident il-konvenut kien unikament responsabbli

minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.
Ra r-Risposta fejn il-konvenut qal li mhux responsabbli ta' dan l-incident izda kien biss tort tas-sewwieq Gordon Borda.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra l-*Front To Rear Form* fejn Gordon Borda qal:

"Kont diehel naghmel manuvra biex nidhol il-garaxx ghall-VRT meta l-iehor baqa' diehel fija."

Carmel Bonavia qal:

"Kont miexi dritt u ta' quddiemi beda jirriversja u dhalt fih."

Ra x-xhieda ta' David Debono li huwa Claims Manager mas-socjeta' attrici fejn jikkonferma li Joseph Borda kien assigurat bil-polza *comprehensive* u li hallas hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) bhala *excess*.

Ra x-xhieda ta' Gordon Borda fejn jghid illi kien diehel fil-garaxx tal-VRT, xeghel l-indicator biex jidhol u meta beda jikser il-konvenut dahal fih. Jichad li rriversja qabel l-incident.

Jikkonferma li kien hemm il-karozzi pparkjati fuq in-naha li kien diehel hu.

Fil-kontro-ezami jghid illi kien hemm karozza pparkjata fejn il-bieb u ghalhekk mexa daqsxejn 'il barra cjoe' ghal-lemin qabel ma dar ghax-xellug. Jghid ukoll illi l-ewwel hareg fuq il-lemin imbaghad xeghel l-indicator biex idur fuq ix-xellug. Jikkonferma li l-habta saret meta hu kien qieghed idur. Jghid illi waqt li kien qieghed jipprova jidhol fil-garaxx ma waqaf fl-ebda mument.

Borda jghid illi qabel ma dar ghall-garaxx ma rahiex il-karozza ta' Bonavia.

Ra x-xhieda tal-konvenut fejn jghid illi hu u ghaddej minn Mdina Road Borda hareg ghan-nofs. Jghid illi hu pprova jevitah izda kien ghalxejn. Jghid ukoll illi l-karozza ta' Borda kienet ipparkjata mas-*centre strip* fuq il-lemin, irriversja lura u mbaghad hareg ghan-nofs u sar l-impatt.

Jikkonferma li l-ewwel darba li rah kien qieghed jaqla' minn mas-*centre strip* u kien qieghed jipprova jidhol fil-garaxx.

Ma jiftakarx jekk Borda rriversjax jew le.

Fil-kontro-ezami jghid illi Borda kien miexi fuq in-naha tas-*centre strip* meta rah l-ewwel darba. Jghid illi pprova jaqbzu biex ma jolqtux izda xorta sar l-impatt.

Jichad illi pprova jghaddi minn wara l-karozza ta' Borda. Jghid illi pprova jghaddi minn warajh biss meta kien qieghed jipprova jevitah milli jahbat. Jikkonferma illi meta saret il-habta l-bonnet tieghu kien in parti mdahhal fil-garaxx.

Ra illi fix-xhieda tal-konvenut hu qal li ra l-karozza ta' Borda izda xorta baqa' jsuq. Ghalhekk billi l-konvenut naqas li jirregola s-sewqan tieghu skond ic-cirkostanzi u naqas li jieqaf meta kellu dik is-sitwazzjoni quddiemu, l-istess konvenut kien unikament responsabbli ghall-habta in kwistjoni.

Illi l-konvenut Carmel Bonavia ma kienx konvincenti u kredibbli fix-xhieda tieghu. Illi kien il-konvenut li allega li Borda rriversja izda ma gabx provi konvincenti dwar l-istess. Fix-xhieda tieghu l-konvenut qal:

"Meta rajtu l-ewwel darba lil Borda kien miexi fuq in-naha tas-*centre strip*, imbaghad dar ghal fuq ix-xellug tieghu, ghalaqli t-triq u hbatna."

Ma qalx li Borda rriversja ghal fuqu. Il-konvenut kellu joqghod attent u jzomm distanza 'l boghod mill-karozzi ta' quddiemu. Fil-*Front To Rear Form* il-konvenut m'allegax li Borda biddel id-direzzjoni.

Ghaldaqstant jilqa' t-talba ta' l-atturi, jiddikjara li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident u jikkundannah ihallas is-somma ta' elf mija u hames liri Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm1,105.23c) bl-imghax mill-5 t'Awissu, 2004. Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------